MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 176/2013

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs.**

**Vincent Cucciardi K.I. 112877 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tmien mija u sebgħa u tmenin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€887.55), in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni bil-kont numru A/C51120835 reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi, iżda deher għas-seduta tal-11 ta' Ġunju 2013 li nżammet quddiem it-Tribunal. Illi minkejja li l-konvenut ingħata iktar żmien sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu, dana xorta waħda baqa' ma kkontestax il-kawża.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' tmien mija u sebgħa u tmenin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€887.55), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fis-6 ta' Settembru 2012 u numerata 1944/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------